VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,069, 12 ta' Ottubru, 2018
Taqsima B

A.L. 328 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Architecture – M.Arch. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Architecture – M.Arch. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Architecture – M.Arch. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni, ippubblikati bħala Avviż Legali 365 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-15 ta' Ġunju 2018 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

VERŻJONI ELETTRONIKA

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Architecture – M.Arch.;

"l-Iskeda" tfisser il-lista tat-taqsimiet studju tematiċi u l-valur tal-kretti assenjati għalihom, li l-applikanti huma mistennija li jkunu għamlu bħala parti mill-programm tal-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Architecture – M.Arch.; u

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Architecture – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

4. Il-paragrafu (5) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (4) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali:

"(5) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati lil taqsimiet studju mgħallma u li ma jkomplux l-Kors, jew wara li jkomplu ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma, sakemm li s-60 krettu ECTS ma jinkludux il-kretti assenjati lit-taqsima studju fuq ir-Research Methods and Tools."

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"9. (1) Id-dissertazzjoni għandha tkun ta' madwar 15,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord. Kull student għandu jkun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari matul il-perijodu ta' studju."